# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 6**
**Rikors maħluf numru 1084/2019/1**

**L-Onorevoli Edwin Vassallo**

***v.***

**Kummissjoni Elettorali u l-Avukat Ġenerali**
**(illum Avukat tal-Istat)**

1. Dan huwa appell tal-Kummissjoni Elettorali minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: l-ewwel waħda fit-22 ta' Ġunju 2022 ["l-ewwel sentenza"] u l-oħra fid-19 ta' Ġunju 2023 ["it-tieni sentenza"] . L-ewwel sentenza ċaħdet eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti u ħelset lill-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) mill-ħarsien tal-ġudizzju. It-tieni sentenza laqgħet it-talbiet tal-attur għal dikjarazzjoni li l-attur ġarrab danni meta bi ħtija ta' żball tal-Kummissjoni Elettorali hu kien imċaħħad għal xi żmien milli jinħatar membru tal-Parlament, u biex

tillikwida d-danni u tikkundanna lill-kummissjoni konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

2. Għalkemm il-kummissjoni konvenuta appellat miż-żewġ sentenzi, ma appellatx minn dik il-parti tal-ewwel sentenza li ħelset lill-konvenut l-ieħor mill-ħarsien tal-ġudizzju.

3. L-attur fetaħ din il-kawża għax igħid illi, minħabba nuqqasijiet tal-Kummissjoni Elettorali kif imfisser f'sentenza fl-ismijiet Partit Nazzjonalista *et v.* Kummissjoni Elettorali *et* (rik. 26/2013) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2016, huwa ġie mċaħħad milli, bejn is-6 ta' April 2013 u l-25 ta' Novembru 2016, ikun membru tal-Parlament u jgawdi mill-onorarju u benefiċċji oħra li jgawdu membri tal-Parlament. Għalhekk talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … li Edwin Vassallo sofra danni minħabba l-istess mankanzi tal-Kummissjoni Elettortali li r-responsabbilità aħħarija taqa' fuq spallejha kif dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali;
>
> »2. tillikwida d-danni hekk subiti mill-istess attur minħabba l-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali;
>
> »3. tordna lill-Kumissjoni Elettorali tħallas id-danni hekk likwidati;
>
> »Bl-ispejjeż kollha u b'imgħaxijiet … … …«

4. L-Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni li ma huwiex kontradittur leġittimu u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni ntlaqgħet fl-ewwel sentenza u minn dik il-parti tas-sentenza ma sarx appell.

5. Il-Kummissjoni Elettorali wieġbet illi wettqet id-dmirijiet tagħha kif imiss u kif trid il-liġi. Ressqet ukoll eċċezzjonijiet, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili u illi, kif dikjarat fis-sentenza tal-Qorti Kostit-

uzzjonali fil-25 ta' Novembru 2013, l-attur ma għandux interess ġuridiku li jressaq l-azzjoni.

6. Fl-ewwel sentenza l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-intimati jeċċepixxu wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:
>
> > »"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."
>
> »L-attur ma jikkontestax illi din hija fil-fatt il-preskrizzjoni applikabbli. Ma jirriżultax li kien hemm xi rapport kuntrattwali bejn l-attur u l-intimati u, mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni, fejn qed tintalab il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali, huwa ċar illi japplika l-artikolu 2153.
>
> »… … …
>
> »Jirriżulta li fit-22 ta' Novembru 2018, l-attur ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-intimati f'din il-kawża li permezz tagħha żammhom respons-abbli għad-danni sofferti minnu minħabba l-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali kif stabbiliet il-Qorti Kostituzzjonali. Mhux kontestat illi ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni minn dakinhar tal-għadd tal-voti wara elezzjoni ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013 sakemm saret ittra uffiċjali interpellatorja tat-22 ta' Novembru 2018.
>
> »L-intimati jargumentaw li l-azzjoni attriċi hija preskritta in kwantu li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata minn dakinhar illi l-attur ma ħax postu fil-Kamra tad-Deputati fis-6 ta' April 2013 filwaqt li l-attur jinsisti li d-dritt ta' din l-azzjoni inħoloq bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016.
>
> »A tenur tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16:
>
> > »"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."
>
> »Dwar meta sentenza tal-qrati toħloq dritt ta' azzjoni, fil-każ ta' <u>Xuereb v. Zammit</u>, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-9 ta' Marzu 1994, ingħad li:
>
> > "... meta tkun sentenza tal-qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, ukoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta qabel beda l-proċediment, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha l-ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u, konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."

»Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ċertament illi taqa' fit-tieni kategorija. Il-qorti tinnota wkoll li fil-kawża kostituzzjonali ma kienx kontestat mill-intimati li kienu seħħew żbalji fl-għadd tal-voti.

»Madanakollu, fil-każ tal-lum, il-ħsara li dwarha qed jilmenta l-attur baqgħet tissusisti sakemm, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissjoni intimata kkorreġiet l-iżball fir-riżultat elettorali u ddikjarat lill-attur bħala elett. Kien allura minn dakinhar illi d-danni setgħu jiġu kwantifikati.

»Din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet *Debono Developments Ltd v.* Aldo Theuma *et*, tal-25 ta' Mejju 2005, irriteniet:

> "illi ġie stabilit li l-preskrizzjoni maħsuba taħt l-artikolu 2153 tibda tgħaddi minn meta sseħħ il-ħsara bl-għamil kolpuż u mhux minn meta l-parti li ġarrbet il-ħsara tkun intebħet biha, u dan għaliex huwa minn dak inhar li tkun seħħet il-ħsara li l-azzjoni setgħet u messha tinbeda. Min-naħa l-oħra, billi ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għal ħsarat li għadhom ma sarux, l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm, fil-fatt, il-ħsara tibqa' ma tiġrix."

»Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawża *Bajja Limited v.* Inna Korelova *noe*, tat-28 ta' Marzu 2014:

> »"Huwa minnu kif targumenta s-socjetà appellanti li meta n-natura tal-ħsarat tkun li l-istess ħsarat ikunu kontinwi, it-terminu relattiv għall-bidu tal-perjodu preskrittiv 'ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf tkompli issir" (Portelli *v.* Attard – 20 ta' Marzu 1997)."

»Finalment, issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Peter Paul Muscat *et v.* Peter Muscat Scerri, tas-26 ta' Ġunju 2009, fejn intqal hekk:

> "Kif qalet ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Portelli *v.* Attard deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jiġux determinati f'mument wieħed, iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qiegħda kontinwament issir, kif jidher li qed jiġri f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi 'interrott', u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf tkompli ssir."

»B'applikazzjoni tal-premess, il-qorti tqis illi din l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata ħlief minn dakinhar illi l-attur ħa postu fil-Kamra tad-Deputati wara li, fuq ordni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-kummissjoni intimata kkoreġiet ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali, in kwantu li, sa dakinhar, id-danni kienu għadhom qed isiru.

»Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat u għaldaqstant tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati u għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża.

»L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali b'dan illi l-attur għandu jħallas l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat.«

7. Billi, jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, il-kawża tieqaf hawn, nibdew billi nqisu l-appell mill-ewwel sentenza qabel ma nqisu l-meritu tal-appell mit-tieni sentenza.

8. Il-kummissjoni appellanti fissret ir-raġunijiet tagħha kontra ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fit-tieni aggravju tal-appell, li jgħid hekk:

> »It-talba [tal-attur] hija waħda għal danni ċivili ("*tort*") u dan huwa soġġett għal preskrizzjoni duennalli skont l-artikolu 2153 tal-Kap 16, u dan anke kif ikkonfermat mill-ewwel qorti: "il-kawża tallum tittratta speċifikament id-danni li ġarrab l-attur personalment għaliex ma ġiex elett kawża ta' żball … Fil-mertu, il-kwistjoni odjerna titnissel minn danni akwiljani".
>
> »L-ewwel qorti sabet li l-azzjoni ma kenitx preskitta għaliex qieset li d-dritt t'azzjoni seta' jinbeda biss wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016 fejn ġie dikjarat li l-Kummissjoni Elettorali kien għamel [*recte*, kienet għamlet] żball fl-elezzjoni tat-tmien distrett.
>
> »Il-Kummissjoni appellanti ma taqbilx ma' dan is-sejbien. L-elezzjoni f'liema sar l-"iżball" kien [*recte*, kienet] tad-9 ta' Marzu 2013. Minn dak l-"iżball", Edwin Vassallo ma kienx ipprotesta jew għamel il-kontestazzjoni tiegħu. Fil-fatt kien issejjaħ f'dik il-kawża b'digriet tal-11 ta' Lulju 2013 u eventwalment is-sentenza li ngħatat illimitat ruħha biex tiddikjara biss li kienet [*recte*, kien] il-Partit Nazzjonalista li kienet soffriet [*recte*, kien soffra] leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha [*recte*, tiegħu] u mhux ukoll il-kandidati. Dan għal darb'oħra juri kemm fil-verità l-Partit Nazzjonalista biss għandu l-meħtieġ interess ġuridiku.
>
> »Filwaqt li wieħed jifhem li l-attur Edwin Vassallo, tattikament, ikun xtaq li jistenna l-eżitu tal-ewwel kawża qabel ma jipproċedi, dan ma kienx jeżonerah mill-obbligu fil-liġi li jinterrompi l-preskrizzjoni skont il-liġi kontra l-kummissjoni. Dan billi l-fatti kollha tal-każ kienu ben magħrufa lill-attur ġà mis-sena 2013 u ma kien hemm xejn li jwaqqfu milli jibda proċeduri hu, dakinhar, għal rimedju tiegħu.
>
> »L-esponenti huwa aggravat li l-ewwel qorti sabet li ma kienx hemm preskrizzjoni għaliex id-dannu kien "kontinwat" b'applikazzjoni ta' ġurisprudenza bażata fuq is-sentenza <u>Portelli *v.* Attard</u> tal-20 ta' Marzu 1997 għaliex (a) id-distinzjoni ta' dannu kontinwat ma hijiex waħda li toħroġ mil-liġi li titkellem biss dwar jekk huwiex possibbli jew le li tinbeda l-azzjoni; u (b) fi kwalsiasi każ *se mai* għandu jingħad li l-effett dannuż kien att istantanju (żball fil-proċess elettorali tat-tmien distrett) iżda li kellu effett kważi permanenti – u dan simili għal inċident awtomobilistiku fejn għalkemm l-att huwa istantju l-effetti fuq persuna huma, ajmè, perpetwi. Hawnhekk tajjeb li wieħed jiffissa l-attenzjoni tiegħu fuq id-distinzjoni bejn l-kontinwità ta' att leżiv u l-effetti li jirriżultaw, jew il-*lucrum cessans*. Fil-każ odjern, l-att seħħ u temm il-mument li sar l-iżball fl-għadd tal-voti, irrispettivament mill-effetti u n-natura tagħhom.

»Għalhekk għandu jirriżulta li inkwantu t-talba kienet diretta għal danni akwiljani, it-talbiet attriċi kienu preskritti fil-liġi.«

9. L-attur wieġeb hekk:

»L-intimata Kummissjoni Appellanti targumenta li l-azzjoni attriċi hija preskritta in kwantu li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata minn dakinhar illi l-attur ma ħax postu fil-Kamra tad-Deputati fis-6 ta' April 2013 filwaqt li l-attur insista li d-dritt ta' din l-azzjoni inħoloq bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016.

»… … …

»… … … l-ewwel qorti ikkonkludiet illi … "l-qorti tqis illi din l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata ħlief minn dakinhar illi l-attur ħa postu fil-Kamra tad-Deputati wara li, fuq ordni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissjoni intimata kkorreġiet ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali, in kwantu li, sa dakinhar, id-danni kienu għadhom qed isiru".

»… … …

»Il-kwistjoni li tqum għalhekk hija minn meta jibda jiddekorri dan it-terminu. Hekk kif ġie deċiż diversi drabi u dan a tenur tal-artikolu [2013 Kod. Ċiv.], tali perjodu jibda jgħaddi minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tiġi eżerċitata.

»… … …

»… … … Biex l-esponent seta' jeżerċita id-dritt tiegħu għad-danni, kellu l-ewwel ikun hemm ġudikat li min kien allegatament bil-mankanzi tiegħu ċaħħad kandidat mis-siġġu parlamentari, "allura sakemm l-istess proceduri huma pendenti, l-attur ma setax jitlob ghad-danni".

»Kif stabbiliet il-Qorti Kostituzzjonali, Edwin Vassallo ħa postu biss wara is-sentenza tal-istess qorti. Kien hemmhekk biss li inħolq id-dirtt tal-appellat, sabiex huwa jkun jista' jrressaq talba għal ħlas ta danni ċivili, u għalhekk huwa legalment skorrett meta l-intimati fin-nota tagħhom jgħidu "dik is-sentenza ma ħolqot ebda dritt ta' azzjoni iżda sempliċiment … kienet azzjoni dikjarattiva li ma krejat ebda dritt favur ir-rikorrent u għaldaqstant ma skattax l-istitut tal-*contra non valentam agere non currit præscriptio*.

»Anzi, tant inħoloq id-dritt fil-mument tas-sentenza li l-Qorti Kostituzzjonali tmur pass *oltre* u tgħid illi "ż-żieda ta' żewġ siġġijiet fil-Parlament tkun bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar mill-Parlament sallum" u dan sabiex ma jiġux iddisturbati l-liġijiet mgħoddija permezz tar-rikompożizzjoni fiż-żieda tan-numru ta' siġġijiet parlamentari b'effett tal-istess sentenza, filwaqt li min ma kellux ikun fil-Parlament u ħa post l-appellat bis-saħħa tal-mankanzi tal-appellanti, żamm postu.

»Altru li l-Qorti Kostituzzjonali ma ħolqitx drittijiet:

»• ħolqot ir-rikompożizzjoni tal-Parlament b'żewġ siġġijiet, sabiex tagħmel tajjeb għall-preġudizzju soffert mill-Partit Nazzjonalista bil-mankanzi tal-intimat; u

»• ħolqot, bħala konsegwenza, il-ħatra tal-appellat fil-Parlament li ġustament ħa postu li kien tiegħu f'każ li l-kummissjoni appellanti

> irrimedjat l-iżbalji, u dan bid-direzzjoni ta' rimedju li tat l-istess Qorti Kostituzzjonali, b'rispett lejn il-vot tal-elettorat.
>
> »Għalhekk, il-ħatra ta' l-appellat qatt ma setgħet issir jekk il-qorti ma sabitx (a) mankanzi li wasslu għal leżjoni tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol u li kellhom effett konsegwenzjali u (b) ordnat ir-rikompożizz-joni tal-Parlament bħala rimedju għall-parti leża, f'dak il-każ il-Partit Nazzjonalista, bil-forma kif ordnata.
>
> »… … …
>
> »… … … Il-Qorti Kostituzzjonali … fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2016 iddeċidiet illi l-interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-kawżakien spettanti biss fuq il-Partit Nazzjonalista u ddeċidiet li r-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi ma kellhomx interess ġuridiku f'dik il-kawża u li għalhekk il-leżjoni kienet niss fuq il-Partit Nazzjonalista, u fuq ebda deputat/kandidat f'dik l-elezzjoni.
>
> »Dan kien ukoll ġie dikjarat minn l-istess Qorti Kostituzzjoniali f'żewġ sentenzi preċedenti (rikors kostituzzjonali 526/2013 u 525/2013) …, u li l-esponent Edwin Vassallo qatt ma seta' jkun parti minn dawk il-proċeduri, u dan minħabba n-natura esklussiva tal-azzjoni li setgħet issir biss minn kandidat fuq id-distrett partikolari fejn kien qed jiġi kontestat *count*.
>
> »Għaldaqstant, u kif jirriżulta b'mod mhux ikkontestat, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li minnha nħoloq id-dritt tal-esponent Edwin Vassallo, ingħatat fil-25 ta' Novembru 2016, liema terminu ta' sentejn ġie interrot mir-rikorrent Edwin Vassallo permezz ta' itttra ufficjali datata 22 ta' Novembru 2018, bil-kawża odjerna ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2019, u għalhekk l-aggravju tal-appellanti Kummissjoni dwar il-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda.«

10. Il-kummissjoni appellanti tgħid illi "l-ewwel qorti sabet li l-azzjoni ma kenitx preskitta għaliex qieset li d-dritt t'azzjoni seta' jinbeda biss wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali".

11. Verament, l-ewwel qorti iddistingwiet bejn (i) sentenza "li toħloq id-dritt ta' azzjoni" u (ii) sentenza "sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta", u li għalhekk "m'għandha l-ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u, konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni". Kompliet tgħid illi "s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ċertament … taqa' fit-tieni kategorija". Qieset illi l-azzjoni tallum ma tintlaqatx bil-preskrizzjoni mhux għax id-dritt ta' azzjoni tal-attur inħoloq bis-saħħa tas-sentenza kostituzzjonali, iżda

għax "il-ħsara li dwarha qed jilmenta l-attur baqgħet tissusisti sakemm, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-kummissjoni intimata kkorreġiet l-iżball fir-riżultat elettorali u ddikjarat lill-attur bħala elett. Kien allura minn dakinhar illi d-danni setgħu jiġu kwantifikati".

12. Madankollu, huwa minnu illi l-ewwel qorti qalet ukoll illi "din l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata ħlief minn dakinhar illi l-attur ħa postu fil-Kamra tad-Deputati wara li, fuq ordni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-kummissjoni intimata kkorreġiet ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali, in kwantu li, sa dakinhar, id-danni kienu għadhom qed isiru". Ir-raġuni għal dan iżda kienet għax il-qorti qieset illi "d-danni kienu għadhom qed isiru" u mhux għax is-sentenza kostituzzjonali ħolqot id-dritt ta' azzjoni.

13. Il-premessa tal-azzjoni tal-attur hija li kien jistħoqqlu jkun membru tal-Parlament sa mis-6 ta' April 2013. L-attur igħid illi kien biss bis-saħħa tas-sentenza kostituzzjonali li ġie dikjarat li kien jistħoqqlu li jkun membru u għalhekk, qabel ma ngħatat dik id-dikjarazzjoni, ma kellux dritt ta' azzjoni.

14. Dan huwa minnu mhux fis-sens li l-attur ma setax jiftaħ din il-kawża tal-lum qabel ma tkun ingħatat dik id-dikjarazzjoni, iżda fis-sens li biex tirnexxi l-azzjoni tiegħu jeħtieġlu juri illi stħoqqlu post fil-Parlament. Iżda l-attur ma kellux għalfejn jistenna li ssir il-kawża kostituzzjonali deċiża fil-25 ta' Novembru 2016 (li fiha ma kienx attur iżda biss imsejjaħ fil-kawża) biex jikseb dikjarazzjoni li kellu jingħata siġġu fil-Parlament, għax seta' fetaħ kawża huwa stess biex jitlob kemm dik id-dikjarazzjoni kif ukoll id-danni talli ġie mċaħħad minn dak li kien jistħoqqlu. Azzjoni bħal dik seta' fetaħha

minn dakinhar illi minħabba n-nuqqas tal-kummissjoni konvenuta ma tħalliex jieħu postu fil-Kamra tad-Debutati fis-6 ta' April 2013.

15. Tassew illi l-attur joġġezzjona illi fis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2016 il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat illi kien biss il-Partit Nazzjonalista u mhux ukoll il-kandidati individwali li kellu interess fl-azzjoni. Dik id-deċiżjoni ngħatat dwar żewġ atturi li kienu kandidati mal-Partit Nazzjonalista u li dwarhom ingħatat l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku; ma ngħatatx dwar l-attur tal-lum. Barra minn hekk, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess intlaqgħet mhux għax kandidat li inġustament ikun imċaħħad minn siġġu fil-Parlament ma għandux interess ġuridiku validu li jfittex rimedju, iżda għax dawk l-atturi kienu xorta nħatru membri tal-Parlament bis-saħħa tal-mekkaniżmu tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni. F'dak l-istadju l-attur ma kienx għadu nħatar membru u għalhekk l-istess raġuni għala ntlaqgħet l-eċċezzjoni ma kinitx tgħodd għalih.

16. L-attur għalhekk seta' jfittex rimedju billi jiftaħ kawża hu stess kif jingħad fil-paragrafu 14 *supra*, u mhux jistenna sakemm tinqata' l-kawza kostit-uzzjonali li nqatgħet bis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2016. Dan seta' jagħmlu mis-6 t'April 2013, u minn dakinhar bdiet għaddejja l-preskrizz-joni.

17. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għalhekk għandha tintlaqa', u ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra.

18. Il-qorti għalhekk tirriforma l-ewwel sentenza billi tikkonfermaha fejn ħelset lill-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) mill-ħarsien tal-ġudizzju u

tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni u, minflok, tilqa’ dik l-eċċezzjoni.

19. Tħassar ukoll it-tieni sentenza u tiċħad it-talbiet tal-attur.

20. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da